MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 357/2004

**Anthony A. Cachia (ID 138950M); Joseph Bonnici (ID584356M); Doris Bonavia (ID 426550M); Jacqueline Cutajar (ID 563965M); Carmel Sammut (ID 421552M); Gaetano Sciberras (ID 748557M); Jackie Marney (ID 501366M); James Gauci (192377M); Edward Caruana (308560M); Anthony Borg (ID 488259M); Eugenio Duca (ID 76659M); Vince Pace Demarco (ID 49775M); Mark Calleja (ID 11571M); Joseph Cuschieri (ID 63368M); Joseph Magro (ID 436154M)**

**vs**

1. **Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.**
2. **Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza.**
3. **Malta Industrial Parks Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Mejju 2004 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi l-atturi huma Ikoll impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta li tinsab fil-process illi tigi dissoluta u sostitwita bil-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza li giet kostitwita bl-Att Numru VIII tal-2003.

Illi l-atturi gew skartati fil-process tal-ghazla illi sar minn fost l-impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ghal mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u s-socjeta' konvenuta Malta Industrial Parks Ltd illi giet kreata biex tmexxi parti mix-xoghol tal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, liema xoghol qabel kienet tizvolgih il-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.

Illi l-atturi kienu applikaw ghall-vaganzi illi kien hemm mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza kif fil-fatt kien gie minnhom mitlub u kif gew konsiljati illi jaghmlu.

Illi l-applikazzjonijiet hargu kollha f'isem il-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza bla distinzjoni bejn dawk il-postijiet li riedu jimtlew ghal ma' dil-Korporazzjoni minn dawk il-postijiet li riedu jimtlew ghal mas-socjeta' konvenuta Malta Industrial Parks Ltd.

Illi ghaldaqstant l-atturi kollha ssottomettew l-applikazzjonijiet taghhom ghall-vaganzi li kien hemm mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza li sa dak il-mument kienet qed tinkorpora taht il-kappa taghha anke dak ix-xoghol - u kwindi konsegwentement il-vaganzi ghal impjegati biex iwettqu tali xoghol - illi sussegwentement gie assenjat lill-konvenuta Malta Industrial Parks Ltd.

Illi l-atturi kollha ssottomettew l-applikazzjonijiet taghhom skont l-esperjenza ta' xoghol illi kellhom, u, senjatament, dak ix-xoghol li kienu ilhom jaghmlu ghal snin twal mal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, u skont il-kwalifiki u l-abbiltajiet taghhom.

Illi numru mill-atturi ssottomettew applikazzjonijiet ghal izjed minn vaganza wahda.

Illi, fir-rigward ta’ dawk l-applikazzjonijiet ghal vaganzi li kienu se jibqghu fil-parametri tal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, l-atturi gew imsejha ghal ‘interviews’ pero` hadd minnhom ma gie maghzul, u dan minkejja illi dawn il-vaganzi kienu jirrigwardaw xoghol illi l-atturi kienu ilhom iwettqu snin twal.

Illi effettivament ma thabbru ebda rizultati tal-‘interviews’ u ma nghatat assolutament ebda spjegazzjoni ghaliex kien hemm impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta li gew maghzula ghal mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp filwaqt illi l-atturi gew skartati.

Illi minkejja illi l-atturi talbu li jinghataw spjegazzjonijiet u kjarifiki minghand il-konvenuti, dawn dejjem baqghu inadempjenti.

Illi, fir-rigward ta’ dawk l-applikazzjonijiet ghal vaganzi li tqieghdu taht il-kappa tas-socjeta’ konvenuta Malta Industrial Parks Ltd., dawn il-vaganzi gew assenjati minghajr lanqas biss ma saru ebda ‘interviews’ jew ezamijiet, u l-atturi gew sommarjament skartati minghajr lanqas hadd ma baghat ghalihom.

Illi dan l-ezercizzju arbitrarju ma jistax hlief iqanqal thassib serju dwar il-motiv reali ghaliex l-atturi gew skartati fil-process tal-ghazla u dan izjed u izjed meta wiehed jikkunsidra illi numru sostanzjali mill-atturi kienu jwettqu dmirijiet u jaghmlu xoghol illi huwa intrinsikament konness max-xoghol illi se tkun qed taghmel is-socjeta’ konvenuta Malta Industrial Parks Ltd., illi l-atturi huma impjegati validi illi addirittura whud minnhom kienu ghandhom kemm inghataw promozzjonijiet u illi s-socjeta’ konvenuta Malta Indutrial Parks Ltd. ghad m’ghandhiex ‘complement’ shih ta’ impjegati.

Illi fir-realta’ l-atturi kollha akkomunati b’fattur wiehed u cioe’ l-fidi politika taghhom.

Illi l-fatti fuq rapportati juru nuqqas kbir ta’ trasparenza u l-mod kif tmexxew l-affarijiet huwa ferm ‘il boghod minn dak illi kien gie mwieghed u assigurat permezz ta’ ittra datata t-2 t’Ottubru, 2002 mic-Chairpersons tal-MDC, METCO u IPSE fejn kienu assiguraw lill-impjegati kollha illi *“we have made a commitment to a clear and transparent process of recruiting that gives all existing employees equal consideration for the roles of the new organisation”.*

Illi, *di piu’*, dan l-agir huwa wiehed illegali u abbuziv u dan anke fid-dawl tal-assigurazzjonijiet ripetuti illi kienu nghataw l-impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta, inkluz l-atturi, kemm mill-Professur Josef Bonnici illi dak iz-zmien kien il-Ministru ghall-Affarijiet Ekonomici illi taht id-dekasteru tieghu kienet taqa’ l-imsemmija Korporazzjoni, il-Ministru ghall-Finanzi u Servizzi Ekonomici u c-Chairman tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta fis-sens illi dawk l-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta li ma jigux maghzula ghall-impjieg mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza - kif inhu l-kaz tal-atturi odjerni - sejrin jinghataw impjieg alternattiv fis-servizz pubbliku u jibqghu jgawdu l-istess kundizzjonijiet tal-impjieg illi ghandhom illum.

Illi dawn l-assigurazzjonijiet mhux talli baqghu ma twettqux talli fit-2 ta’ Jannar 2004 l-atturi sabu l-bibien tal-ufficini tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta maghluqin u gew ordnati biex jirrapportaw ghax-xoghol fl-ufficini tal-METCO fil-Qasam Industrijali ta’ San Gwann fejn ikollhom jitlajjaw ghal gurnata kollha fir-‘reception area’ u l-‘canteen area’ ta’ dan il-bini, minghajr ufficcju, skrivanija, ‘telephone’ u l-bzonnijiet l-istess bazici illi wiehed jippretendi fuq il-post tax-xoghol, u, fuq kollox, minghajr ma jinghataw assolutament ebda tip ta’ xoghol.

Illi dan l-istat ta’ fatt, illi qed tkun ta’ dannu kbir ghall-moral tal-attur u qed jikkawzalhom ‘hardship’ u tensjoni kbira, ghadu l-istess sallum, a distanza ta’ oltra hames (5) xhur mid-data ta’ din id-decizjoni, bl-unika differenza illi l-atturi gew trasferiti ghall-ufficini tal-IPSE fil-Marsa b’effett mit-23

t’April, 2004 pero` taht l-istess kundizzjonijiet u minghajr ma nghataw ebda forma ta’ xoghol.

Illi l-interpellazzjonijiet kollha illi ghamlu l-atturi mal-konvenuti, huma jew min minnhom, u kif ukoll ma’ awtoritajiet ohra, gew injorati ghal kollox, u l-atturi baqghu minghajr twegiba u minghajr ebda rimedju effettiv.

Illi minn fost l-atturi kien hemm persuni illi gew imsejha ghal *‘interviews’* sabiex jinghataw impjieg alternattiv fis-settur pubbliku izda invarjabilment inqalghet il-problema illi l-impjiegi illi gew offerti ma jgorrux l-istess kundizzjonijiet ta’ xoghol, fosthom salarju, illi l-atturi ghandhom mal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta u li l-atturi kienu gew assigurati li se jkollhom fl-impjieg futur taghhom.

Illi ukoll illi whud mill-atturi gew offruti impjieg alternattiv fis-settur pubbliku b’kundizzjonijiet inferjuri u fuq bazi ta’ *‘probation’.*

Illi l-atturi u l-familji taghhom ghaddejjin minn trawma kbira minhabba fil-fatti hawn esposti u jinsabu preokkupati bil-fatt illi hemm indikazzjonijiet cari illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ghandhom il-hsieb li jingaggjaw persuni minn barra s-servizz pubbliku jew minn oqsma ohra tas-settur pubbliku sabiex jiehdu l-post tax-xoghol li bi dritt jispetta lill-atturi.

Illi fil-mument is-socjeta’ konvenuta Malta Industrial Parks Ltd. illi taghmel xoghol illi qabel kien jigi zvolt minn bosta mill-atturi, qed tqabbad diversi konsulenti privati sabiex jizvolgu dan l-istess xoghol u taghti hafna ‘over-time’ lill-impjegati odjerni taghha sabiex isir l-istess xoghol illi kienu jaghmlu l-atturi.

Illi l-atturi pprezentaw protest gudizzjarju kontra l-konvenuti pero` t-twegiba li nghataw kienet, in succint, illi ma kellhomx ghalfejn igergru ladarba kienu ghadhom qed jircievu l-paga u ghalhekk l-atturi ma kellhom ebda triq ohra ghajr li jipprezentaw dawn il-proceduri gudizzjarji.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-ghemil tal-konvenuti, huma jew min minnhom, kif fuq spjegat, huwa wiehed abbuziv u illegali u leziv tad-drittijiet tal-atturi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jaghtu xoghol produttiv lill-atturi bhala impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta fil-qafas tal-istess Korporazzjoni konvenuta u/jew tas-successuri legali taghha.

3. Tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jaghtu spjegazzjoni cara u trasparenti ta' kif sehh il-process tal-ghazla tal-impjegati tal-konvenuta korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ghal mal-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Ltd., u sabiex jaghtu spjegazzjoni tar-ragunijiet ghaliex kull wiehed u wahda mill-atturi ma ntaghzlux f'dan il-process tal-ghazla.

4. Tiddikjara illi l-process tal-ghazla tal-impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ghal mal-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Ltd. kien wiehed arbitrarju u ma sarx b'mod korrett.

5. Tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jergghu jaghmlu l-process tal-ghazla tal-impjegati minn mal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ghal mal-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Ltd. b'mod korrett, trasparenti u gust okkorrendo skont dawk il-proceduri illi tistabilixxi din l-istess Onorabbli Qorti.

6. Tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jassiguraw illi fkull kaz l-atturi jinghataw impjieg fis-settur pubbliku bl-istess kundizzjonijiet illi huma jgawdu bhala impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.

7. Tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jiddezistu milli jingaggjaw persuni minn barra s-settur pubbliku jew minn sferi ohra tas-settur pubbliku ghal impjieg mal-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Ltd sabiex jaghmlu dak ix-xoghol illi kienu jaghmlu l-atturi.

8. Taghti dawk l-ordinijiet kollha xierqa u necessarji biex jigu mharsa d-drittijiet tal-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-atturi a fol. 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-23 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta datata 9 ta’ Gunju 2004 a fol 17 tal-process fejn eccepiet: -

Illi l-premessi u talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi certi elementi tal-premessi fic-citazzjoni ma humiex kontestati filwaqt illi ohrajn huma.

Illi l-elementi kkontestati huma kif gej, cioe’:

Dak premess fit-tieni paragrafu tal-premessi, illi l-atturi gew “skartati” fil-process ta’ ghazla, in kwantu d-dicitura uzata hija emottiva: l-atturi ma gewx “skartati” izda semplicement ma gewx maghzula ghal certu xoghol u dan fil-kuntest ta’ obbligu ga assunt mill-awtoritajiet pubblici illi dawk illi ma jintghazlux jinghataw xoghol mod iehor fis-settur deskritt bhala s-settur pubbliku u dan wara li l-process ta’ xoljiment tal-eccipjenti nbeda.

Dak premess fid-disa' paragrafu tal-premessi, fejn hu implikat mill-atturi illi r-rizultati tal-process ta' identifikazzjoni ta' haddiema ghal xi pozizzjonijiet ghandhom jigu jew ma gewx ippublikati u li l-eccipjenti ghandhom xi obbligu f'dan il-kuntest: waqt is-smigh jigi spjegat il-process kif hadem.

Dak premess f'paragrafi tnax, tlettax u erbatax tal-premessi, fejn qed tinghata impressjoni da parti tal-atturi illi kien hemm process mhux trasparenti ta' ghazla, illi kien hemm nies impjegati f'xi pozizzjonijiet u illi l-uniku raguni ghax ma ntghazlux l-atturi kien it-twemmin politiku taghhom: kif jigi muri waqt is-smigh, il-process kien gust u ragjonevoli, ma kien hemm ebda bazi ta' politika fl-ghazla (come di fatti, numru ta' nies li gew maghzula jidher li huma tal-istess fehma politika tal-atturi, ghajr illi dan bl-ebda mod ma kien fattur fl-ghazla) u biex wiehed ikun preciz, l-impjegati li qeghdin jahdmu ma' Malta Industrial Parks Ltd f'dan l-istadju ma humiex impjegati izda sekondati, allavolja ghal kull buon fini qed jigi nnotat illi hemm intenzjoni illi dawn jigu formalment impjegati eventwalment.

Dak premess f'paragrafi hmistax, billi qieghda tinghata impressjoni mill-atturi illi dak li gie mwieghed hu aktar wiesgha minn dak li attwalment gie mwieghed.

Dak premess f'paragrafi sittax u sbatax peress illi l-process ta' assenjazzjoni tal-atturi fis-settur pubbliku hu wiehed tranzitorju li ghadu ma spiccax (u fi kwalunkwe kaz mhuwiex fil-kontroll tal-eccipjenti) u l-atturi qeghdin jaghtu l-impressjoni illi dan hu stat ta' fatt permanenti.

Dak premess f'paragrafu tmintax peress illi l-eccipjenti ma jaqblux illi ghandhom xi obbligu f'dan ir-rigward.

Dak premess f'paragrafi dsatax, ghoxrin u wiehed u ghoxrin, peress illi kif ga nghad il-process ta' assenjazzjoni mhuwiex fil-kontroll tal-eccipjenti.

Illi t-talbiet specifici attrici ma ghandhomx jigu akkordati *stante* illi:

1. L-ewwel talba tista' tigi akkordata biss jekk jigi ppruvat illi kien hemm xi abbuz ta' diskrezzjoni amministrattiva, liema fatt irid jigi ppruvat mill-atturi f'kull kaz individwali, u liema abbuz hu nnegat mill-eccipjenti.

2. It-tieni talba timplika illi l-Onorabbli Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik manigerjali jew amministrattiva tal-konvenuti jew min minnhom, liema sostituzzjoni mhijiex konsiljabbli f'socjeta' demokratika fejn il-funzjonijiet tal-istat huma divizi bejn l-istituzzjonijiet tal-istat u l-agenziji moghtija l-poter illi jezegwixxu dawn il-funzjonijiet. Fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti huma fi process ta' xoljiment u ma jistghux jottemporaw ruhhom ma' xi ordni f'dan is-sens anke jekk ghall-grazzja tal-argument tista' tinghata.

3. It-tielet talba ma tistax tintlaqa' hlief fil-kaz illi jigi muri xi abbuz fis-sens ga spjegat hawn fuq.

4. Ir-raba' talba ma tistax tintlaqa' hlief fil-kaz illi jigi muri xi abbuz fis-sens ga spjegat hawn fuq.

5. Il-hames talba - anke jekk ghall-grazzja tal-argument tista' tigi akkordata (ara fuq) - ma tistax tinghata effett mill-eccipjenti.

6. Is-sitt talba ma tistax tigi akkordata *stante* illi l-eccipjenti ma ghandhom l-ebda kontroll fuq il-Gvern ta' Malta li jiddeciedi dwar impiegi fis-settur pubbliku.

7. Is-seba' talba ma tistax tigi akkordata fil-konfront tal-eccipjenti ghar-ragunijiet ga` msemmija hawn fuq.

8. It-tmien talba mhijiex akordabbli *stante* illi hija vaga u indeterminata.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri li tista' tinghata.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta a fol 17 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza datata 9 ta' Gunju 2004 a fol. 24 tal-process fejn eccepiet: -

Illi preliminarjament, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi l-provvedimenti tal-Att VII tal-2003, u senjatament l-**art 27** tal-istess, jipprekludu illi vertenzi dwar obbligi naxxenti mill-kuntratti kollha ta' impjieg tal-impjegati tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp jigu trasferiti lill-eccipjenti

Illi l-**art 27** ighid kif gej:

Dawn l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' l-enti specifika msemmija hawn iktar 'l isfel **m'ghandhomx jigu trasferiti lill-Korporazzjoni** *[mizjuda:* cioe' l-eccipjenti]:

(a) *omissis (b) omissis (c)* obbligi li joriginaw: (i) mill-kuntratti kollha ta' impjieg mal-impjegati,

Illi subordinament u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ma hijiex legittima kontradittrici u ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi ma ghandha ebda rabta kuntrattwali jew mod iehor mal-atturi li mhumiex impjegati taghha.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju fil-mertu l-premessi u talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kif jinghad hawn taht.

Illi certi elementi tal-premessi fic-citazzjoni ma humiex kontestati filwaqt illi ohrajn huma.

Illi l-elementi kkontestati huma kif gej, cioe':

Dak premess fit-tieni paragrafu tal-premessi, illi l-atturi gew "skartati" fil-process ta' ghazla, in kwantu d-dicitura uzata hija emottiva: l-atturi ma gewx "skartati" izda semplicement ma gewx maghzula ghal certu xoghol u dan fil-kuntest ta' obbligu ga assunt mill-awtoritajiet pubblici illi dawk illi ma jintghazlux jinghataw xoghol mod iehor fis-

settur deskritt bhala s-settur pubbliku u dan wara li l-process ta’ xoljiment tal-eccipjenti nbeda.

Dak premess fid-disa’ paragrafu tal-premessi, fejn hu implikat mill-atturi illi r-rizultati tal-process ta’ identifikazzjoni ta’ haddiema ghal xi pozizzjonijiet ghandhom jigu jew ma gewx ippublikati u li l-eccipjenti ghandhom xi obbligu f’dan il-kuntest: waqt is-smigh jigi spjegat il-process kif hadem.

Dak premess f’paragrafi tnax, tlettax u erbatax tal-premessi, fejn qed tinghata impressjoni da parti tal-atturi illi kien hemm process mhux trasparenti ta’ ghazla, illi kien hemm nies impjegati f’xi pozizzjonijiet u illi l-uniku raguni ghax ma ntghazlux l-atturi kien it-twemmin politiku taghhom: kif jigi muri waqt is-smigh, il-process kien gust u ragjonevoli, ma kien hemm ebda bazi ta’ politika fl-ghazla (come di fatti, numru ta’ nies li gew maghzula jidher li huma tal-istess fehma politika tal-atturi, ghajr illi dan bl-ebda mod ma kien fattur fl-ghazla) u biex wiehed ikun preciz, l-impjegati li qeghdin jahdmu ma’ Malta Industnal Parks Ltd f’dan l-istadju ma humiex impjegati izda sekondati, allavolja ghal kull buon fini qed jigi nnotat illi hemm intenzjoni illi dawn jigu formalment impjegati eventwalment.

Dak premess f’paragrafu hmistax, billi qieghda tinghata impressjoni mill-atturi illi dak li gie mwieghed hu aktar wiesgha minn dak li attwalment gie mwieghed.

Dak premess f’paragrafi sittax u sbatax peress illi l-process ta’ assenjazzjoni tal-atturi fis-settur pubbliku hu wiehed tranzitorju li ghadu ma spiccax (u fi kwalunkwe kaz mhuwiex fil-kontroll tal-eccipjenti) u l-atturi qeghdin jaghtu l-impressjoni illi dan hu stat ta’ fatt permanenti.

Dak premess f’paragrafu tmintax peress illi l-eccipjenti ma jaqblux illi ghandhom xi obbligu f’dan ir-rigward.

Dak premess f’paragrafi dsatax, ghoxrin u wiehed u ghoxrin, peress illi kif ga nghad il-process ta’ assenjazzjoni mhuwiex fil-kontroll tal-eccipjenti.

Illi t-talbiet specifici attrici ma ghandhomx jigu akkordati *stante* illi:

1. L-ewwel talba tista' tigi akkordata biss jekk jigi ppruvat illi kien hemm xi abbuz ta' diskrezzjoni amministrattiva, liema fatt irid jigi ppruvat mill-atturi f'kull kaz individwali, u liema abbuz hu nnegat mill-eccipjenti.

2. It-tieni talba timplika illi l-Onorevoli Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik manigerjali jew amministrattiva tal-konvenuti jew min minnhom, liema sostituzzjoni mhijiex konsiljabbli f'socjeta' demokratika fejn il-funzjonijiet tal-istat huma divizi bejn l-istituzzjonijiet tal-istat u l-agenziji moghtija l-poter illi jezegwixxu dawn il-funzjonijiet.

3. It-tielet talba ma tistax tintlaqa' hlief fil-kaz illi jigi muri xi abbuz fis-sens ga spjegat hawn fuq.

4. Ir-raba' talba ma tistax tintlaqa' hlief fil-kaz illi jigi muri xi abbuz fis-sens ga spjegat hawn fuq.

5. Il-hames talba - anke jekk ghall-grazzja tal-argument tista' tigi akkordata (ara fuq) - ma tistax tinghata effett mill-eccipjenti *stante* illi l-atturi huma lkoll ex-impjegati tal-Estates Division tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp u l-eccipjenti ma ghandhomx din il-funzjoni.

6. Is-sitt talba ma tistax tigi akkordata *stante* illi l-eccipjenti ma ghandhom l-ebda kontroll fuq il-Gvern ta' Malta li jiddeciedi dwar impiegi fis-settur pubbliku.

7. Is-seba' talba ma tistax tigi akkordata fil-konfront tal-eccipjenti ghar-ragunijiet ga msemmija hawn fuq.

8. It-tmien talba mhijiex akkordabbli *stante* illi hija vaga u indeterminata Salv kull eccezzjoni ulterjuri li tista' tinghata'.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u l-lista tax-xhieda a fol. 27 sa 30 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Malta Industrial Parks Ltd., datata 9 ta’ Gunju 2004 a fol 32 tal-process fejn esponiet: -

Illi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-atturi li ma humiex impjegati taghha u ma hemmx ness bejn il-partijiet tali li jista’ jaghti lok ghal xi obligu versu l-atturi da parti tal-eccipjenti.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju fil-mertu l-premessi u talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kif jinghad hawn taht.

Illi certi elementi tal-premessi fic-citazzjoni ma humiex kontestati filwaqt illi ohrajn huma.
Illi l-elementi kkontestati huma kif gej, cioe’:

Dak premess fit-tieni paragrafu tal-premessi, illi l-atturi gew “skartati” fil-process ta’ ghazla, in kwantu d-dicitura uzata hija emottiva: l-atturi ma gewx “skartati” izda semplicement ma gewx maghzula ghal certu xoghol u dan fil-kuntest ta’ obbligu ga assunt mill-awtoritajiet pubblici illi dawk illi ma jintghazlux jinghataw xoghol mod iehor fis-settur deskritt bhala s-settur pubbliku u dan wara li l-process ta’ xoljiment tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp imbeda.

Dak premess fid-disa’ paragrafu tal-premessi, fejn hu implikat mill-atturi illi r-rizultati tal-process ta’ identifikazzjoni ta’ haddiema ghal xi pozizzjonijiet ghandhom jigu jew ma gewx ippublikati u li l-eccipjenti ghandhom xi obbligu f’dan il-kuntest: waqt is-smigh jigi spjegat il-process kif hadem.

Dak premess f’paragrafi tnax, tlettax u erbatax tal-premessi, fejn qed tinghata impressjoni da parti tal-atturi illi kien hemm process mhux trasparenti ta’ ghazla, illi kien hemm nies impjegati f’xi pozizzjonijiet u illi l-uniku raguni ghax ma ntghazlux l-atturi kien it-twemmin politiku taghhom: kif jigi muri waqt is-smigh, il-process kien gust u

ragjonevoli, ma kien hemm ebda bazi ta’ politika fl-ghazla (come di fatti, numru ta’ nies li gew maghzula jidher li huma tal-istess fehma politika tal-atturi, ghajr illi dan bl-ebda mod ma kien fattur fl-ghazla) u biex wiehed ikun preciz, l-impjegati li qeghdin jahdmu mal-eccipjenti f’dan l-istadju ma humiex impjegati izda sekondati, allavolja ghal kull buon fini qed jigi nnotat illi hemm intenzjoni illi dawn jigu formalment impjegati eventwalment.

Dak premess f’paragrafi sittax u sbatax peress illi l-process ta’ assenjazzjoni tal-atturi fis-settur pubbliku hu wiehed tranzitorju li ghadu ma spiccax (u fi kwalunkwe kaz mhuwiex fil-kontroll tal-eccipjenti) u l-atturi qeghdin jaghtu l-impressjoni illi dan hu stat ta’ fatt permanenti.

Dak premess f’paragrafu tmintax peress illi l-eccipjenti ma jaqblux illi ghandhom xi obbligu f’dan ir-rigward.

Dak premess f’paragrafi dsatax, ghoxrin u wiehed u ghoxrin, peress illi kif ga nghad il-process ta’ assenjazzjoni mhuwiex fil-kontroll tal-eccipjenti.

Illi t-talbiet specifici attrici ma ghandhomx jigu akkordati *stante* illi:

1. L-ewwel talba tista’ tigi akkordata biss jekk jigi ppruvat illi kien hemm xi abbuz ta’ diskrezzjoni amministrattiva, liema fart irid jigi ppruvat mill-atturi f’kull kaz individwali, u liema abbuz hu nnegat mill-eccipjenti.

2. It-tieni talba timplika illi l-Onor. Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik manigerjali jew amministrattiva tal-konvenuti jew min minnhom, liema sostituzzjoni mhijiex konsiljabbli f’socjeta’ demokratika fejn il-funzjonijiet tal-istat huma divizi bejn l-istituzzjonijiet tal-istat u l-agenziji moghtija l-poter illi jezegwixxu dawn il-funzjonijiet.

3. It-tielet talba ma tistax tintlaqa’ hlief fil-kaz illi jigi muri xi abbuz fis-sens ga spjegat hawn fuq.

4. Ir-raba’ talba ma tistax tintlaqa’ hlief fil-kaz illi jigi muri xi abbuz fis-sens ga spjegat hawn fuq.

5. Il-hames talba - anke jekk ghall-grazzja tal-argument tista’ tigi akkordata (ara fuq) - ma tistax tinghata effett mill-eccipjenti.

6. Is-sitt talba ma tistax tigi akkordata *stante* illi l-eccipjenti ma ghandhom l-ebda kontroll fuq il-Gvern ta’ Malta li jiddeciedi dwar impiegi fis-settur pubbliku.

7. Is-seba’ talba ma tistax tigi akkordata fil-konfront tal-eccipjenti ghar-ragunijiet ga msemmija hawn fuq.

8. It-tieni talba mhijiex akkordabbli illi hija vaga u indeterminata.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri li tista’ tinghata.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-20 ta’ Ottubru 2004 (fol 40) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta minn l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn Dr. Chris Cilia nforma l-Qorti li ser jigu pprezentati bil-visto tal-kontro-parti l-affidavits tal-attur. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi sabiex tisma’ x-xhieda f’dan il-kaz u tkompli bix-xhieda tal-atturi. Il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Jannar 2005 ghal gbir tal-provi.

Rat in-nota tal-atturi Anthony Cachia et datata 20 ta’ Ottubru a fol 41 tal-process li permezz taghha jipprezenta l-affidavits tal-atturi, konsistenti fi tnax-il affidavit u dokumentazzjoni mieghu annessa.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi flimkien max-xhieda quddiema prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-14 ta’ Frar 2006 fejn Dr. Chris Cilia ndika lill-Qorti li baqaghlu 5 jew 6 xhieda li ma jistghux isiru affidavits taghhom. Il-Qorti nnominat bhala Perit Legali a spejjez provizorjament tal-atturi lil Dr. Ramona

Frendo bis-solitu inkarigu taghha u ordnatilha biex sal-ahhar ta’ Mejju 2006 tiffissa hames (5) seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-atturi. Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Gunju 2006 biex jigi kkonfermat li dan sehh; u l-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta’ Gunju 2006 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex jiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi atturi sal-ahhar ta’ Lulju 2006. Deher Anthony Cachia ghall-MDC. Inghata digriet tal-affidavits lis-socjeta` konvenuta ta’ erbghin (40) gurnata. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits tal-konvenuti tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti, kollox fil-mori ta’ dan id-differiment u wara dawn dan minn issa l-Perit Legali hi awtorizzata li tirrelata. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghar-rapport ghat-28 ta’ Novembru 2006.

Rat ir-rikors tal-atturi Anthony A. Cachia et datat 7 ta Frar 2007 a fol 514 tal-process fejn talbu illi: (1) tawtorizza li jinzammu zewg seduti ohra ghall-gheluq tal-provi; (2) tawtorizza l-hrug ta’ mandat ta’ skorta kontra x-xhud Joseph Zammit Tabona; (3) tordna lir-rapprezentant tad-ditta Ernst & Young sabiex entro terminu li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jiddepozita kopja tad-dokumenti relattivi ghall-process ta’ selezzjoni fir-Registru tal-Qorti sabiex tali dokumenti tkun tista’ tixhed fuqhom l-imsemmija xhud Maria Micallef li kienet inkarigata mill-istess process ta’ selezzjoni pero` llum m’ghandhiex mad-ditta Ernst & Young; u l-Qorti rat ir-risposta tal-konvenuti datata 22 ta’ Frar 2007, u laqghet it-talbiet fil-kawza dedotti, b’ dan pero` li fir-rigward tat-tieni talba jekk x-xhud jobbliga ruhu li jidher f’nota fir-Registru zmien jumejn minn dan id-digriet ma jkunx hemm bzonn li jintuza mandat ta’ skorta. Fir-rigward tat-tielet talba ordnat li tali dokumenti jigu esebiti fi zmien ghaxart ijiem (10) ukoll mid-data ta’ dan id-digriet li ghandu jigi notifikat mill-istess atturi mmedjatament mill-konvenuti.

Rat in-nota ta’ Ernst & Young Limited (C 30241) a fol 528 tal-process li biha esebixxa dokumenti markati (MPG 01-MPG 05) *ai termini* tal-ordni mahrug minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta’ Frar 2007.

Rat ir-rikors tal-atturi Anthony A. Cachia et datat 2 ta’ Lulju 2007 a fol 580 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna lir-rapprezentanti tad-ditta Ernst & Young sabiex, fi zmien qasir u perentorju (*stante* li dawn id-dokumenti huma mehtiega biex jixhdu dwaru x-xhieda Marisa Micallef u Mark Galea) jiddeposita fir-registru tal-Qorti d-dokumenti rigwardanti l-process ta’ relazzjoni relattivi ghall-atturi kollha f’din il-kawza, u cioe` (minbarra ta’ Anthony A. Cachia) ta’ Joseph Bonnici, Doris Bonavia, Jacqueline Cutajar, Carmel Sammut, Gaetano Sciberras, Jackie Marney, James Gauci, Edward Caruana, Anthony Borg, Eugenio Duca, Vince Pace De Marco, Mark Calleja, Joseph Cuschieri u Joseph Magro; u l-Qorti, rat ir-risposta tal-konvenuti datata 13 ta’ Lulju 2007, u laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata minn dan id-digriet ghall-prezentata tal-istess, kif jidher bid-digriet tas-26 ta’ Lulju 2007 (fol 585).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi Anthony A. Cachia et datata 15 ta’ Jannar 2009 a fol 955 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti kollha datata 20 ta’ Jannar 2009 a fol 977 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem quddiem il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo flimkien max-xhieda kollha quddiema prodotta, u r-rapport tal-istess Pertit Legali li gie pprezentat fir-registru fl-20 ta’ Ottubru 2009 u mahluf fis-seduta tas-27 ta’ April 2010 (fol 996).

Rat in-nota tal-atturi Anthony A. Cachia et datata 4 ta’ Mejju 2010 a fol 1218 tal-process li permezz taghha talbu l-hatra ta’ periti addizzjonali *a tenur* tal-**artikolu 677 tal-Kap 12** u dan bla pregudizzju ghad-dritt taghhom illi jaghmlu osservazzjonijiet dwar ir-rapport peritali u li jaghmlu domanti lill-Perit Legali in eskussjoni.

Rat in-nota tal-atturi Anthony A. Cachia et pprezentata fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2011 a fol 1222 tal-process li permezz taghha issottomettew domandi in eskussjoni lill-Espert Legali Dr. Ramona Frendo.

Rat ir-rikors tal-atturi Anthony A. Cachia et datat 31 ta' Mejju 2011 a fol 1229 tal-process fejn filwaqt li jgibu s-suespost u l-informazzjoni kontenuta fid-dokument anness a formali konjizzjoni ta' din l-Qorti, talbu lil din il-Qorti joghgobha tikkoncedilhom l-opportunita` illi f' seduta wahda ghal dan l-iskop itellghu x-xhieda mehtiega in sostenn ta' u sabiex jaghtu prova cara tas-suespost, u dan dejjem salv kull ordni u provediment iehor li din l-Qorti fis-savju u superjuri gudizzju taghha jkun jidhrilha li huwa l-iktar xieraq u opportun.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Gunju 2011 (fol 1233) fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Andrew Borg Cardona ghall-konvenuti u Dr. Chris Cilia ghall-atturi. Dr. Borg Cardona ta ruhu b' notifikat bir-rikors tal-31 ta' Mejju 2011 u oppona ghall-istess *stante* li l-informazzjoni kienet disponibbli l-hin kollu, u l-PQ li tikkristalizza li nformazzjoni saret f' Jannar 2011 wara li l-provi kienu maghluq. Il-Qorti rat ir-rikors. Rat l-opposizzjoni. Cahdet it-talba *stante* li tali informazzjoni setghet facilment ingabet u kienet disponibbli lill-partijiet waqt is-smigh tal-provi. Dr. Cilia talab jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet zmien ta' sittin (60) gurnata minn dan id-digriet ghan-nota ta' osservazzjonijiet, bin-notifika lid-difensur tal-kontro parti li jkollu sittin (60) gurnata ghan-nota ta' osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Frar 2012.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 29 ta' Awwissu 2011 (fol 1236) fejn talbu lill-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tissoprasjedi sakemm jigu decizi l-proceduri istitwiti quddiem il-Kummissjoni ghall-Impjiegi u dan salv kull ordni jew provvediment iehor li din l-istess Qorti jidhrilha iktar xierqa u opportuni; u l-Qorti rat ir-risposta datata 17 ta' Ottubru 2011 a fol 1243 tal-process u cahdet it-talba kif jidher bid-digriet moghti fl-1 ta' Novembru 2011 (fol 1238).

Rat in-nota tral-atturi Anthony A Cachia et datata 2 ta' Dicembru 2011 a fol 1244 tal-process li permezz taghha pprezentaw kopja ta' sentenza fl-ismijiet **"Carmel D'Amato et vs L-Awtorita` tat-Turismu ta' Malta".**

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 20 ta' Settembru 2012 fejn il-Qorti cahdet it-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri u dan peress li l-pendenza hija wahda dwar provi u kwistjonijiet legali li allura din il-Qorti tista' tezamina minghajr il-htiega ta' periti perizjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Frar 2012 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi kemm il-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, kif ukoll il-konvenuta Malta Industrial Parks Limited, eccepew illi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-Malta Industrial Parks (MIP) hija tghid li ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi peress illi dawn m'humiex impjegati taghha, u hija mhix successur tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.

Illi dan huwa minnu izda hemm ukoll l-artikolu 38 (1) tal-Kap. 452 u ghaliex tali relazzjoni guridika tista' tinholoq mhux mir-relazzjoni bjen Malta Industrial Parks Limited u l-Korporazzjoni ghal-Izvilupp ta' Malta, izda proprju mill-obbligi imposti fuq Malta Industrial Parks Limited bhala s-socjeta` illi lilha gew trasferiti uhud mill-funzjonijiet tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, u dan ai termini ta' l-imsemmija disposizzjoni legali.

Illi Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza tibbaza dina l-eccezzjoni preliminari taghha fuq l-**artikolu 27 tal-Att VIII**

**ta' l-2003,** illi jipprovdi dwar it-twaqqif ta' l-istess Korporazzjoni, u senjatament l-Artikolu 27 illi jipprovdi inter alia li l-istess Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza (KMI) ma hijiex responsabbli ghall obbligazzjonijiet illi joriginaw *"mill-kuntratti kollha ta' impieg ma' l-impjegati …"*

Illi ssir riferenza wkoll ghall-artikolu 3 (2) tal-istess Att li jaghti personalita` legali distinta lill istess KMI u ghalkemm l-istess KMI ghandha xi funzjonijiet li huma simili ghall dawk li kellha l-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, dan ma jfissirx li hija s-successur legali ta' l-istess u l-artikolu 27 fuq citat dan jagmlu car.

Madankollu, hawnhekk si tratta ta' allegata diskriminazzjoni illi l-atturi jinsistu illi saret maghhom fil-process ta' ghazla ta' impjegati illi sar meta giet ristrutturata s-sistema illi qabel kienet gestita mill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta. Kwindi l-fatt illi skond l-Att illi jikkostitwiha, il-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza mhix responsabbli ghal obbligazzjonijiet naxxenti minn kuntratt ta' impieg konkluz mal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, ma jfissirx illi l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza hija effettivament 'il fuq mill-Ligi. Ma jfissirx illi wiehed ma jistax jattakka, jindaga, jew jissindaka l-azzjonijiet illi l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza setghet hadet fil-konfront ta' l-ex impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.

Lanqas ma jista' wiehed jargumenta illi galadarba l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza mhix responsabbli ghal obbligazzjonijiet naxxenti minn kuntratt ta' impieg mal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, allura hija ma tistax tigi gudikata f'kaz illi jirrizulta illi l-process ta' ghazla fost l-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta kien wiehed arbitrarju u/jew diskriminatorju. Kieku kien hekk, kien jigi skonfitt l-animu ta' l-**artikolu 120 tal-Kostituzzjoni** ta' Malta illi permezz tieghu twaqqfet il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, bil-funzjoni illi *"tizgura illi, dwar l-impieg [fis-servizz pubbliku], ebda distinzjoni, eskluzjoni, jew preferenza illi ma tkunx gustifikabbli f'socjeta` demokratika ma ghandha ssir jew tinghata favur jew kontra xi persuna minhabba l-opinjoni politika taghha".*

Ghalhekk, huwa zgur illi anke jekk, *prima facie*, ma tirrizultax relazzjoni guridika bejn il-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u l-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, dik ta' l-ewwel xorta wahda hija obbligata skond il-Ligi illi fl-ghazla ta' impjegati ma taghmel *"ebda distinzjoni, eskluzjoni, jew preferenza illi ma tkunx gustifikabbli f'socjeta` demokratika favur jew kontra xi persuna minhabba l-opinjoni politika taghha".*

Fir-rigward ta' l-eccezzjoni sollevata kemm minn Malta Industrial Parks Limited, kif ukoll mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, l-azzjoni ta' l-atturi mhix essenzjalment ibbazata fuq xi ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-impieg taghhom mal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, izda hija pjuttost diretta lejn il-mod kif sar il-process ta' ghazla ta' l-impjegati ghal mal-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Limited.

Mill-provi jirrizulta illi kemm il-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, kif ukoll il-konvenuta Malta Industrial Parks Limited kellhom sehem attiv u dirett fit-tehid tad-decizjonijiet u l-ifformular tal-policies applikabbli fil-process ta' ghazla ta' l-impjegati taghhom.

B'hekk, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess in kwantu dan jikkoncerna Malta Industrial Parks Limited u b'zieda ma' l-istess, jirrizulta li galadarba l-azzjoni attrici hija bbazata fuq il-mod kif saret l-ghazla ta' l-impjegati mill-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Limited, u mhux fuq xi ksur ta' xi wahda mill-kundizzjonijiet ta' impieg taghhom mal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, hija totalment irrelevanti l-kwistjoni ta' relazzjoni guridika bejn dawn iz-zewg konvenuti u l-atturi qua impjegati tal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.  Dan stante illi r-relazzjoni guridika pretiza mill-atturi mhix naxxenti mill-kuntratt ta' impieg taghhom mal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, izda pjuttost mill-ingustizzja illi huma qieghdin jallegaw illi saret maghhom fil-process ta' ingagg mal-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Limited infushom, u fil-kwalita` proprja taghhom.

Illi b'hekk l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika kif sollevata mill-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Limited, qed tigi skartata.

Illi dwar l-azzjoni attrici t-tezi attrici huwa li meta sar il-process ta' ghazla ta' impjegati ghal mal-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Limited, saret ingustizzja fil-konfront taghhom peress illi, skond huma, gew eskluzi minhabba l-fehma politika taghhom. Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti tiddikjara l-illegalita` tal-process ta' ghazla adoperat mill-konvenuti u tipprovdi r-rimedji opportuni sabiex jigu mharsa d-drittijiet taghhom.

F'dan ir-rigward, il-konvenuti eccepew illi t-talbiet ta' l-atturi jimplikaw li din il-Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik manigerjali jew amministrattiva tal-konvenuti, liema sostituzzjoni mhix konsiljabbli f'socjeta` demokratika, fejn il-funzjonijiet ta' l-istat huma divizi bejn l-istituzzjonijiet ta' l-istat u l-agenziji taghhom moghtija l-poter biex jezegwixxu dawn il-funzjonijiet. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghhom, il-konvenuti komplew ighidu illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik amministrattiva jew kummercjali ta' l-employer li jkun, u tiddeciedi hi xi proceduri ghandhom jigu adoperati.

F'dan ir-rigward issir referenza ghall-**artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** illi jirregola l-gurisdizzjoni tal-Qorti li tistharreg il-validita` o meno ta' xi ghemil amministrattiv, jew illi tiddikjara dak l-ghemil null u minghajr effett u hawn issir riferenza ghall-istess artikolu.

Illi l-atturi qatt ma indikaw espressament il-bazi legali ta' l-azzjoni taghhom u senjatament ma indikawx that liema disposizzjoni ta' dan l-istess artikolu qed jibbazzaw l-allegazzjoni taghhom, izda jirrizulta mis-sottomissjonijiet taghhom li l-azzjoni attrici, ta' l-anqas in kwantu din hija

diretta lejn il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta u l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, qieghda tigi promossa proprju ai termini tal-provedimenti appena citati in linea generali u dan anke ghaliex is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi li *"ghemil amministrattiv"* ghandha tigi interpretata bhala *"l-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni, jew rifjut ghal talba ta' xi persuna illi jsir minn awtorita` pubblika, izda ma jinkludix xi haga illi ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`".*

Illi s-sottomissjonijiet tal-konvenuti f'dan ir-rigward huma fis-sens li l-process li gie adoperat ghall-ghazla ta' impjegati f'dan il-kaz, kien process illi kien mehtieg ghall-finijiet ta' ri-organizzazzjoni ta' entitajiet pubblici u illi, essenzjalment, dina il-Qorti ma tistax tissindika tali agir billi tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-*employer,* u tiddeciedi hi xi proceduri ghandhom jigu adoperati fl-ghazla ta' l-impjegati.

Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Dennis Tanti vs Prim Ministru et"** (A.C. – 16 ta' Novembru 2004), fejn l-attur (illi kien impjegat fis-settur pubbliku) kien qieghed jattakka decizjoni illi ttiehdet mis-superjuri tieghu illi jittrasferuh minn sezzjoni fis-settur pubbliku ghal ohra. Il-konvenuti f'dak il-kaz kienu eccepew in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti in vista tal-limitazzjonijiet imposti mill-**artikolu 469A tal-Kap. 12** kif fuq premess. F'dan ir-rigward, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet: -

*"Definizzjoni ta' "Ghemil Amministrattiv"*

*"Il-poter tal-Qrati illi jissindikaw atti amministrattivi huwa regolat mill-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. Is-subartikolu (2) ta' dan l-Artikolu jeskludi mid-definizzjoni ta' "ghemil amministrattiv" kull "haga illi ssir bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita` (pubblika)". Fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi l-Qrati ma ghandhomx gurisdizzjoni illi jissindakaw l-agir tieghu, stante illi huwa jirritjeni illi t-transfer de quo kien jikkostitwixxi tali mizura*

*ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ghad-Dipartiment tas-Sahha.*

*" … Ma hemmx dubbju illi b'dispozizzjoni espressa tal-Ligi, Qorti ordinarja ma ghandhiex gurisdizzjoni tissindaka mizura illi ssir bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ta' awtorita` pubblika. Pero` dan necessarjament ifisser illi l-Qorti ordinarja hija vestita bil-gurisdizzjoni biex tindaga f'ezercizzju interpretattiv ta' l-istess sub-inciz taht ezami, jekk <u>fil-fatt att partikolari jikkostitwix jew le mizura ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna,</u> sabiex tiddetermina proprju jekk, bhala Qorti ordinarja, ghandhiex hi gurisdizzjoni jew le illi tissindaka l-att amministrattiv in kwistjoni. Certament ma kienx il-hsieb tal-legislatur illi jeskludi l-gurisdizzjoni tal-Qrati milli jissindakaw atti amministrattivi anke fl-eventwalita` illi awtorita` pubblika arbitrarjament taghzel illi ssejjah l-att partikolari mizura ta' "organizzazzjoni jew aministrazzjoni interna" proprju sabiex tevita l-iskrutinju tal-Qrati. Konsegwentement il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni jindagaw jekk trasferiment bhal dak illi nghata lill-appellat kienx verament mizura ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, u jekk jirrizulta illi fil-fatt kien jikkostitwixxi tali mizura, <u>jieqfu hemm</u>, stante illi huma prekluzi milli jissindakaw il-mertu tieghu. Jekk pero`, min-naha l-ohra, jirrizulta illi fil-fatt it-transfer ma kienx jikkostitwixxi tali mizura, imma kien biss kopertura, jezercitaw il-funzjonijiet taghhom ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.*

*"Nuqqas ta' gurisdizzjoni sabiex jigu sindakati l-esigenzi tas-servizz fis-Settur Pubbliku*

*"L-appelant isostni wkoll illi l-Qrati m'ghandhomx gurisdizzjoni illi jindagaw decizjonijiet dwar id-determinazjoni ta' l-esigenzi tas-servizz illi, skond l-appellant huma per se decizjonijiet bazati fuq gudizzji soggettivi illi ma jipprestawx ruhhom ghas-sindikabilita` mill-Qrati dwar il-mertu taghhom …*

*"Kif diga` spejgat iktar 'il fuq, l-Artikolu 469A espressament jippreskrivi illi l-Qrati ordinarji ma*

*ghandhomx gurisdizzjoni jissindakaw "mizuri ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna" ta' awtorita` pubblika, frazi wiesgha illi certament tinkorpora fiha transfers ta' ufficjali pubblici minn stabbiliment ghall-iehor skond l-esigenzi tas-servizz. Ma hemmx dubbju illi l-Kap ta' Dipartiment huwa l-persuna idonea sabiex jiddetermina x'inhuma l-esigenzi tas-servizz fid-dipartiment tieghu, u illi l-Qrati m'ghandhomx u ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dak il-Kap tad-Dipartiment dwar il-meritu ta' x'jirrikjedu l-esigenzi tas-servizz…*

*"Huwa veru wkoll illi l-organizzazzjoni tas-servizz pubbliku hija haga illi fis-sistema kostituzzjonali taghna taqa' fil-kompetenza tar-ram Ezekuttiv tal-Gvern u mhux fil-kompetenza tal-Qrati; pero` min-naha l-ohra, il-Qrati ghandhom il-gurisdizzjoni u d-dover illi jaraw illi l-organi kollha fl-istat josservaw id-dettami kollha tal-Ligi.*

*"Dan huwa rifless f'dak illi jipprovdi s-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, illi jistipula illi: "Ghall-finijiet ta' dan l-Artikolu, u ta' kull dispozizzjoni ohra ta' din il-Ligi, u ta' kull Ligi ohra, servizz mal-Gvern huwa <u>rapport specjali</u> regolat b'dispozizzjonijiet specjali specifikament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern, u ebda Ligi jew dispozizzjoni taghha dwar kundizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, ghal servizz mal-Gvern, <u>hlief safejn dik il-Ligi ma tipprovdix xort'ohra"</u>. [Sottolinear tal-Qorti].*

*"Fis-Sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru 1998, fl-ismijiet Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummisarju tal-Pulizija et, din il-Qorti kienet analizzat ukoll il-portata tas-subinciz (6) ta' l-Artikolu 469A uirriteniet inter alia illi:-*

*"Waqt illi din il-Qorti taqbel illi dan il-provvediment espressament jeskludi lis-servizz mal-Gvern mill-kontroll ta' kull Ligi ohra illi tirregola l-kuntratt ta' servizz jew ta' impieg, u b'mod specifiku teskludi ghalih l-applikazzjoni tal-Kodici Civili … dak l-istess provvediment jissoggetta s-servizz mal-Gvern ghal provvedimenti ta' dispozizzjonijiet specjali illi jirregolaw dan ir-rapport specjali fir-rigward ta'*

*l-ingagg, kondotta u terminazzjoni ta' l-impieg. Dawn id-dispozizzjonijiet specjali jorbtu wkoll allura lill-amministrazzjoni illi hija obbligata fir-relazzjonijiet taghha ma' l-impjegati illi tosserva dawk il-provvedimenti intizi biex jittutelaw proprju dawk il-jeddijiet tal-haddiema tal-Gvern kontra min ihaddimhom. Il-Ligi allura ma tistriehx fuq il-principju generali ta' dritt pubbliku illi l-istat bhala "good employer", jekk mhux l-aqwa wiehed, huwa mistenni illi jitratta sewwa u gustament lill-impjegati tieghu, imma wkoll torbtu illi jagixxi b'certu mod determinat u b'certa procedura stabbilita f'sitwazzjonijiet partikolari, skond kif provdut f'dispozizzjonijiet specjali specifikament applikabbli … It-teorija tan-"non-legal nature of the civil service" illum giet konsiderevolment imxellfa u m'ghandhiex dak il-principju assolut illi kellha qabel. M'ghadux daqstant accettat illi l-impieg ma' l-amministrazzjoni pubblika kien kwazi prekarju ghax is-sovran kellu l-jedd assolut "to hire and fire" u illi allura l-impjegati kollha kienu meqjusa illi kienu fl-impieg "at Her Majestey's service and pleasure" … F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni nnifisha gustament u sewwa kkreat il-makkinarju biex jigu regolati r-relazzjonijiet bejn l-Ezekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X taghha … Dan il-kapitolu, filwaqt illi jirrikonoxxi n-natura specjali ta' l-impieg fis-servizz civili, u jipprovdi l-makkinarju biex l-amministrazzjoni pubblika tibqa' tiffunzjona bl-inqas tfixkil possibbli, jiehu hsieb biex b'mod konkret jipproteggi lill-impjegat pubbliku kontra l-arbitrarjeta`, l-abbuz ta' poter, u diskriminazzjoni, u jissalvagwardja wkoll direttament u indirettament id-dritt tieghu ghal renumerazzjoni ghas-servizz illi jaghti, kif ukoll ghall-pensjoni"* (ara **"David Gatt vs Prim Ministru Onorevoli Edward Fenech Adami"** (P.A. (JA) – 30 ta Jannar 2004); **"Edward Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija"** P.A. (AJM) – 22 ta' Ottubru 2002); u **"Helen Borg vs Il-Prim Ministru et"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001).

Illi mis-sentenza su-citata jsegwi allura li fil-kaz tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, u tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, it-tnejn illi huma entitajiet pubblici, wiehed ghandu fl-ewwel lok jindaga jekk il-process ta' ghazla fost l-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta'

Malta kienx verament jifforma parti minn process generiku illi kien mehtieg ghall-finijiet ta' ri-organizzazzjoni ta' entitajiet pubblici, jew inkella, skond kif jinsistu l-atturi, kienx sempliciment process arbitrarju u diskriminatorju skond pjan *tailor-made* minn *the powers that be*, intiz sabiex jelimina persuni illi jhaddnu l-fehma politika ta' l-atturi.

Mill-banda l-ohra, l-argument tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza huwa li whud mill-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta ma gewx maghzula peress illi l-istruttura l-gdida li nholqot fil-process ta' ri-organizzazzjoni lamentat mill-atturi, kienet tirrikjedi inqas haddiema, u b'hekk inholqot sitwazzjoni ta' *surplus* ta' impjegati.

Illi din il-Qorti bhala Perit Legali tirrileva li sfortunatament il-provi migjuba f'dan ir-rigward huma skarsi hafna, b'mod illi ma jipprovdux stampa cara tal-figuri u statistici ta' kemm mill-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, attwalment gew maghzula ghall-impieg mal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u ma' Malta Industrial Parks Limited rispettivament, u wisq anqas ta' dettalli relattivi. Kull ma jirrizulta mill-provi huwa illi: -

- taht l-istruttura l-antika, il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, Malta External Trade Corporation, u Institute for the Promotion of Small Enterprise, flimkien bejniethom, kellhom mitejn u hdax-il impjegat, mentri l-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza timpjega biss tnejn u disghin impjegat ; u

- illi l-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta kienet timpjega madwar hamsa u erbghin haddiem fl-Estates Division – liema xoghol imbaghad ghadda ghand Malta Industrial Parks Limited.

Effettivament, tali konkluzjonijiet ma jirrizultawx minn xi statistici illi gew prodotti fl-atti tal-proceduri, izda unikament mix-xhieda ta' Joseph Zammit Tabona, illi fiz-zmien illi kien qieghed isir il-process ta' ri-organizzazzjoni, kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Korporazzjoni ghall-

Izvilupp ta’ Malta, ta’ Malta External Trade Corporation, u ta’ l-Institute for the Promotion of Small Enterprise.

Pero`, anke minn tali xhieda, baqghet qatt ma nghatat stampa cara ta’ kemm mill-impjegati fl-istruttura l-antika baqghu ma ntghazlux ghall-impieg fl-istruttura l-gdida. B’hekk, sfortunatament, il-Qorti, hekk sprovvista mill-evidenza, ma tistax tanalizza l-figuri sabiex forsi tkun tista’ tasal ghall-konkluzjoni dwar jekk dan il-process ta’ ri-organizzazzjoni kienx verament process generiku kif jinsistu l-konvenuti, jew inkella jekk dan kienx process arbitrarju u diskriminatorju kif jinsistu l-atturi.

F’dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-principju ben stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna *“onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat”,* illi “f’kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikament opposti u illi jkunu plawsibli jew possibbli, jiffavorixxi lill-konvenuti”, b’dan illi “l-attur irid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni” (**“Frank Giordmaina Medixi vs William Rizzo et”** P.A. (NC) – 28 ta’ April 2004).

Issa, fin-nuqqas da parti ta’ l-atturi illi jgibu prova adegwata kif fuq premess, jwassal li l-Qorti sabiex tikkonkludi li mill-provi migjuba, ma jirrizultax illi l-process adoperat mill-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza ma kienx attwalment process generiku li kien mehtieg ghall-finijiet tar-riorganizzazzjoni ta’ entitajiet pubblici.

Ghalhekk, dejjem tenut kont tal-limitazzjonijiet tal-provi migjuba, isegwi necessarjament illi ghandhom ragun il-konvenuti meta jeccepixxu n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina il-Qorti, u dan in vista tal-limitazzjonijiet imposti mill-**artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi pero` dan ma jipprekludix lill-istess atturi milli, in kwantu jikkoncerna t-talbiet taghhom diretti lejn il-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, jutilizzaw ir-rimedju provdut taht l-**artikolu 120 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta,** li jwaqqaf il-Kummissjoni ghall-Impiegi stante illi dak illi qieghed jigi minnhom allegat huwa proprju diskriminazzjoni politika fil-

konfront taghhom fl-ghazla ta’ impieg fis-settur pubbliku. Izda dan ghandhu jsir f’forum separate.

Madankollu, in vista tal-fatt illi l-atturi qieghdin jidderigu wkoll it-talbiet taghhom fil-konfront ta’ Malta Industrial Parks Limited (illi hija socjeta` kummercjali u mhux enti pubblika), kif ukoll in vista tal-fatt illi l-principju ta’ *“non-legal nature of the public service”* m’ghadux principju assolut, din il-Qorti ghall-fini ta’ kompletezza u sabiex it-talbiet ta’ l-atturi jkunu gew investigati in funditus fil-konfront tal-konvenuti kollha, xorta wahda jehtieg illi tigi analizzata l-kwistjoni dwar jekk effettivament saritx xi forma ta’ ingustizzja ma’ l-atturi.

Illi dwar il-process ta’ ghazla fost impjegati tal-Korporazzjoni Ghall-Izvilupp ta’ Malta l-atturi jilmentaw illi, galadarba huma kienu ilhom impjegati mal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta ghal snin twal, u ghalhekk kellhom esperjenza vasta fil-qasam, ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex huma ma kellhomx jintghazlu ghal mal-konvenuti Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta u/jew Malta Industrial Parks Limited. Jilmentaw ukoll mill-fatt illi r-rizultati ta’ l-interviews illi saru fil-kors tal-process ta’ ghazla, qatt ma gew ippubblikati, u l-atturi qatt ma nghataw raguni ghaliex ma ntghazlux.

Mill-provi jirrizulta illi: -

(1) Wara l-process ta’ riorganizzazzjoni, kien hemm bzonn ta’ hafna anqas impjegati ma’ l-entitajiet godda milli kien hemm impjegati mal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta. Dan il-fatt mhux kontestat mill-atturi illi essenzjalment jistriehu fit-talbiet taghhom fuq il-Ftehim milhuq nhar l-4 ta’ Gunju 2004 bejn il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta, il-Malta External Trade Corporation, u l-Institute for the Promotion of Small Enterprise min-naha l-wahda, u min-naha l-ohra, il-General Workers’ Union u l-Unjoni Haddiema Maghqudin (Dok. “AC 16”), u li kien jinkorpora l-kundizzjonijiet applikabbli ghal dawk l-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta illi ma jintghazlux minhabba s-surplus ta’ impjegati rizultanti mill-process ta’ ristrutturar;

(2) In vista tal-fatt illi kien hemm hafna aktar impjegati mal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp milli kien mehtieg ghal mal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Limited, dawn l-istess zewg entitajiet kellhom jaghmlu process ta' ghazla. Fiz-zewg kazijiet, inholqu Organisational Charts li kienu jindikaw l-esperjenza u l-kwalifiki illi kienu jinhtiegu mill-applikanti eligibbli;

(3) Fil-kaz tal-konvenuta Malta Industrial Parks Limited, il-process ta' ghazla kien maqsum fi tnejn – fl-ewwel stadju, Patrick Catania ghazel 21 impjegat skond il-kriterji mehtiega fl-*Organisational Chart*. L-impjegati maghzula gew sekondati, pero` fl-istadju illi kienu qieghdin jingabru l-provi kien ghadu mistenni illi jsir process ta' reklutagg permezz ta' *call for applications;*

(4) Fil-kaz tal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, kienet giet inkarigata s-socjeta` Ernst & Young Limited sabiex tohrog *call for applications* skond il-kriterji specifikati fl-*Organisational Charts* imhejjija mill-Korporazzjoni. Is-socjeta` Ernst & Young Limited kienet giet inkarigata wkoll sabiex taghmel *shortlisting* ta' dawk fost l-applikanti illi kellhom jissejhu ghal interview. L-*interviews* imbaghad saru minn *Interviewing Board* li gie mwaqqaf ghal dan il-ghan. Fil-kaz tal-pozizzjonijiet l-gholja saru *external calls for application* filwaqt illi fil-kaz tal-pozizzjonijiet aktar baxxi saru *internal calls*;

(5) Minn 82 ruh li gew impjegati mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza, 9 persuni biss gew impjegati minn barra s-settur pubbliku – dan kien fil-kaz tal-karigi l-aktar gholjin fejn il-Korporazzjoni konvenuta l-ewwel ikkonsultat ma' MIMCOL, u meta rat illi ma kienx hemm applikanti illi kienu adattati ghall-htigijiet tal-Korporazzjoni, giet konsultata l-*Employment and Training Corporation*;

(6) Minhabba illi fil-kaz tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza kien hemm certu urgenza, gieli kien hemm

kazijiet fejn l-applikanti gew informati illi se jkollhom *interview* tramite telefonata vicin tal-gurnata ta' l-interview.

F'dan l-istadju, jinghad li l-kwistjoni ta' nuqqas ta' trasparenza minhabba li r-rizultati tax-*shortlisting* u ta' l-*interviews* ma gewx ippubblikati, illum effettivament giet sorvolata stante illi d-dokumenti kollha relattivi u mitluba mill-atturi, gew esebiti fil-kors tal-proceduri odjerni. Ghall-kompletezza jinghad li kien ikun ferm aktar deziderabbli, fl-interess tat-trasparenza, li dawn ir-rizultati gew ippubblikati spontanjament mill-konvenuti, immedjatament wara illi saru l-*interviews* relattivi stante illi dan in-nuqqas, minnu nnifsu, jaghti lok ghal suspett ghal kollox komprensibbli f'min ma ntghazilx, illi seta' kien hemm xi kunsiderazzjonijiet jew decizjonijiet mhux xierqa.

Issa jidher mill-assjem tal-provi, illi l-process ta' ghazla kien process generiku illi kien destinat min-natura tieghu stess u sa mill-bidu nett illi "jiskarta" certi impjegati peress illi l-process ta' ri-organizzazzjoni wassal ghal surplus ta' impjegati. Madankollu l-provi jindikaw li ghajr ghall-asserzjonijiet ta' l-atturi nfushom fis-sens illi huma ma ntghazlux minhabba t-twemmin politiku taghhom, ma ngabet l-ebda prova konkreta illi tindika xi forma ta' ingustizzja jew arbitrarjeta` fil-process ta' l-ghazla ta' impjegati.

Fir-rigward tar-rizultati tax-*shortlisting* illi sar, il-provi prodotti jikkorroboraw l-argument tal-konvenuti fis-sens illi kien hemm kandidati aktar adegwati ghall-pozizzjonijiet illi applikaw ghalihom l-atturi. Pero`, fil-limitazzjonijiet naxxenti mill-fatt illi ma giet esebita l-ebda dokumentazzjoni relattiva ghall-kwalifiki tal-kandidati l-ohrajn, huwa difficli hafna, jekk mhux impossibli, illi wiehed jistabbilixxi l-genwinita` o meno ta' tali *shortlisting.*

Pero` dan kollu, jibqa' l-fatt li ma ngabitx prova fis-sens illi dawk maghzula kienu ta' fehma politika opposta ghal dik ta' l-atturi, jew inkella fis-sens illi dawk kollha mhux maghzula kellhom l-istess fehma politika bhal ta' l-atturi, ma jhalli l-ebda alternattiva lill-esponenti hlief illi tikkonkludi illi l-atturi naqsu milli jgibu prova adegwata ta'

l-arbitrarjeta` u/jew l-ingustizzja minnhom allegata. Dan kollu qieghed jigi sottomess partikolarment in vista tal-principju gwida illi bil-fors irid jirregola d-decizjoni dwar it-talbiet attrici illi *"onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat"*.

Illi dwar id-drittijiet pretizi mill-atturi bhala impjegati tal-Korporazzjoni Ghall-Izvilupp ta' Malta u l-Ftehim milhuq nhar l-4 ta' Gunju 2004 bejn il-Korporazzjoni Ghall-Izvilupp ta' Malta, il-Malta External Trade Corporation, u l-Institute for the Promotion of Small Enterprise minn naha l-wahda u l-General Workers Union u l-Union Haddiema Maghqudin jinghad li l-atturi ressqu diversi pretensjonijiet dwar id-drittijiet appartenenti lilhom bhala impjegati fis-settur pubbliku, izda naqsu milli jipprovdu l-iStatut jew ir-regolamenti specjali illi jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' l-impieg taghhom u strahu minflok fuq il-ftehim milhuq nhar l-4 ta' Gunju 2004 bejn il-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, Malta External Trade Corporation, u Institute for the Promotion of Small Enterprise min-naha l-wahda, u min-naha l-ohra, General Workers' Union u l-Unjoni Haddiema Maghqudin.

Minkejja dan l-atturi jinsistu li l-konvenuti naqsu milli jonoraw il-weghdiet illi saru permezz ta' dan il-ftehim, peress li meta ntemm l-impieg taghhom mal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, huma ma nghatawx xoghol produttiv, u jekk stess inghataw xi xoghol, dan ma kienx bl-istess kundizzjonijiet illi kellhom mal-konvenuta Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok huwa car illi l-konvenuti Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza u Malta Industrial Parks Limited qatt ma kienu parti f'dan il-ftehim, u kwindi m'humiex marbuta bit-termini ta' l-istess. Ghalhekk anke jekk stess dan il-Ftehim kien jaghmel stat bejn il-partijiet illi ffirmawh, effettivament il-valur prattiku tieghu ghall-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta illi jpretendew xoghol mal-Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza jew il-Malta Industrial Parks Limited, huwa inezistenti. Essenzjalment, l-assenza ta' l-entitajiet il-godda minn dan il-Ftehim tirrendih monk u ineffettiv in

kwantu l-impjegati setghu jippretendu impieg fi hdan l-istess, bhal ma qieghdin jippretendu l-atturi.

Madanakollu, ghall-finijiet ta' kompletezza, jinghad illi minn analizi tal-Ftehim innifsu, jirrizulta illi l-ghan tieghu kien illi jirregolarizza s-sitwazzjoni ta' dawk l-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta u wkoll tal-Malta External Trade Corporation u Institute for the Promotion of Small Enterprise li la applikaw ghall-iskemi ta' irtirar volontarju illi nhargu bhala parti mill-process ta' ristrutturar, u lanqas intghazlu ghall-impieg mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza. Dawn l-impjegati effettivament surplus to requirements inghataw il-garanzija illi: -

(1) Jinghataw impieg alternattiv mal-Gvern ta' Malta, ma' entitajiet tal-Gvern, ma' Public-Private Partnerships ezistenti jew godda, jew fis-settur privat fuq bazi volontarja jew wara konsultazzjoni mat-Trade Union; u

(2) Jibqghu igawdu s-salarju baziku, il-beneficcji f'kaz ta' mewt, *medical insurance* u *disability benefit* illi kienu intitolati ghalihom fl-impieg taghhom mal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta.

Effettivament jirrizulta illi l-atturi, illi ma gewx maghzula ghall-impieg ma' l-entitajiet konvenuti l-ohra, gew *deployed* ma' Industrial Projects Services Limited, illi proprju giet mahluqa sabiex tassorbi impjegati *surplus* minn diversi entitajiet pubblici illi gew privatizzati jew ristrutturati matul l-ahhar snin. Mix-xhieda ta' Paul Magro(18 ta' Gunju 2008 u 3 ta' Settembru 2008), Administration Manager fi hdan l-istess socjeta`, jirrizulta illi wara illi gie mitmum l-impieg taghhom mal-konvenuta Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp, l-atturi kienu registrati bhala impjegati ta' Industrial Projects Services Limited u baqghu jircievu l-istess salarju baziku taghhom.

B'danakollu huwa ferm sinifikanti l-fatt illi s-salarju ta' impjegat ta' Industrial Projects Services Limited jibqa' dejjem l-istess, minghajr increments jew opportunitajiet ghal promotion u jizdied biss f'kaz ta' zieda ta' l-gholi tal-

hajja – u dwar dan ghandhom ragun jilmentaw l-atturi. L-atturi huma korretti meta jissottomettu illi meta gew deployed ma' Industrial Projects Services Limited, huma soffrew detriment fil-kundizzjonijiet illi huma kienu jgawdu mal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta. Dan qieghed jigi sottomess partikolarment in vista tal-fatt illi skond l-**artikolu 38 (3) tal-Kap 452**, Malta Industrial Parks Limited, bhala s-socjeta` li lilha gew trasferiti uhud mill-funzjonijiet tal-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta kienet obbligata illi, fil-kaz ta' dawk l-impjegati illi kienu jaqdu l-funzjonijiet illi issa ghaddew taht it-tmexxija taghha *"tkompli tosserva l-pattijiet u l-kundizzjonijiet miftiehma f'xi ftehim kollettiv bl-istess mod kif kienu applikabbli ghal min jitrasferixxi taht dak il-ftehim, sad-data tat-tmiem jew l-gheluq tal-ftehim kollettiv, jew il-bidu fis-sehh jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv iehor".*

Pero`, jibqa' zewg diffikultajiet illi huma dirimenti u jikkostitwixxu ostakolu insormontabbli ghat-tezi attrici. Fl-ewwel lok, il-Ftehim iffirmat bejn il-Unions u l-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta kien jistipula <u>biss</u> illi l-haddiema kellhom izommu l-istess salarju baziku. U dan effettivament zammewh fl-impieg taghhom fi hdan l-Industrial Projects Services Limited, anke jekk ma ghandhomx dritt ghal *increments* jew promozzjonijiet. Inoltre, hemm ukoll it-tieni diffikulta` fis-sens li galadarba l-atturi ma pprezentaw ebda statut, regolament, jew legislazzjoni li jistabilixxu d-dritt pretiz mill-atturi ghall-kontinwazzjoni ta' promozzjonijiet u increments, ma jistax jigi stabilit jekk kienx hemm dawn il-possibilitajiet li l-atturi tilfu meta gew deployed ma' Industrial Projects Services Limited, u jekk dawn kienux jifformaw parti espressa mill-kundizzjonijiet pattwiti ghall-impieg taghhom fi hdan il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta. Dan jerga' jallacca mal-Ftehim iffirmat fl-4 ta' Gunju 2004, u qieghed jerga jinghad specjalment in vista tal-fatt li l-istess Ftehim illi l-atturi jibbazaw l-argumenti taghhom fuqu, ma jaghmel l-ebda referenza ghal dan id-dritt pretiz ghall-kontiwazzjoni ta' *promotions* u *increments.*

Issa, lil hinn mill-Ftehim ta' l-4 ta' Gunju 2004, u specifikatament fir-rigward ta' l-obbligi ta' Malta Industrial

Parks Limited bhala s-socjeta` li lilha gew trasferiti l-funzjonijiet ta' l-Estates Division fi hdan il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta, ssir referenza **artikolu 36 (14) tal-Kap. 452,,** illi fost ir-ragunijiet mhux tajbin u bizzejjed sabiex jintemm l-impieg isemmi l-kaz fejn *"in-negozju illi fih jahdem l-impjegat ghadda minn trasferiment ta' proprjeta`, sakemm dan ma jipprovax illi t-temm ta' l-impieg huwa mehtieg ghal ragunijiet ekonomici, teknici, jew ta' organizzazzjoni illi jirrikjedu bidliet fl-ghadd ta' haddiema".*

Issa, jekk dan il-principju kellu jigi applikat, b'analogija, ghall-kaz odjern, jinghad li ghalkemm il-prova dwar is-surplus of employees migjuba mill-konvenuti, hija pjuttost skarsa, tali stat ta' surplus effettivament mhux kontestat mill-atturi, tant li l-argument taghhom huwa mibni fuq allegata diskriminazzjoni minhabba l-opinjoni politika taghhom.

B'hekk mill-provi prodotti certament illi ma giex eskluz il-fatt illi f'dan il-kaz kien hemm surplus ta' impjegati illi wassal lil Malta Industrial Parks Limited sabiex teskludi lil uhud mill-kandidati mill-impieg maghha.

Ghaldaqstant, jirrizulta li mill-provi l-atturi kienu impjegati fis-settur pubbliku u gew meqjusa surplus to requirements izda ma sfawx dikjarati redundant (bhal ma kien jigri fis-settur privat) u baqghu fl-impieg, essenzjalment bl-istess kundizzjonijiet li ga` kellhom (salv ghall-kwistjoni ta' promozzjonijiet u increments li diga` giet analizzata).

Illi l-atturi qieghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi r-rimedji opportuni sabiex jigu mharsa d-drittijiet taghhom izda fid-dawl tal-fatt li t-talbiet attrici fil-mertu ma gewx ippruvati la fattwalment u lanqas legalment ovvjament ma hemm lok li jinghata ebda rimedju.

Illi dwar il-kwistjoni ta' l-ispejjez din il-Qorti sejra wkoll tadotta l-konkluzzjoni tal-perit legali fis-sens li fic-cirkostanzi u senjatament in vista tal-fatt li jirrizulta illi l-atturi, effettivament, u minghajr ebda agir attribwibbli lilhom stess, tilfu certi beneficcji bhala rizultat tal-process

ta’ ristrutturar u riorganizzazzjoni illi saru mill-konvenuti, u in vista tal-fatt illi dawn ta’ l-ahhar naqsu mill-obbligu taghhom ta’ trasparenza billi naqsu milli jippubblikaw ir-rizultat tal-process ta’ ghazla ta’ l-impjegati b’mod tempestiv – liema nuqqas kien fattur primarju illi wassal ghal dawn il-proceduri, l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti. F’dan il-kuntest jinghad li Dr. Andrew Borg Cardona irremetta ruhhu ghar-rapport skont dak verbalizzat fis-seduta tas-27 ta’ April 2010 (fol. 994).

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari kemm tal-Korporazzjoni Maltija tal-Intrapriza u dik s-socjeta’ Malta Industrial Parks Limited, izda tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u dak fuq ikkonsidrat a karigu tal-konvenuti solidalment bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor. Mhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta’ Ottubru 2012**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta’ Ottubru 2012**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------